MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 77/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Ltd kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Walter Gouder abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Walter Gouder (821444M)**

**vs**

**Carolina Schembri**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta, prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-Ligi, ghall-hlas tas-somma totali ta' elf, hames mija u wiehed u hamsin lira Maltin (Lm1,551.00), jew somma ohra verjuri, in kwantu ghall-ammont ta' elf, hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm1,526.00) jew somma ohra verjuri, lis-socjeta' attrici Fogg Insurance

Agencies Limited noe ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur Walter Gouder, assigurat taghha, u li ghalihom ghamlet tajjeb l-istess socjeta' attrici u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25.00) lill-attur Walter Gouder, ammont rapprezentanti *excess payment* skond il-polza ta' assigurazzjoni, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilistiku li sehh fil-25 ta' Gunju, 2002 ghall-habta tal-11:00 a.m. gewwa Triq Santa Monica, Pieta' bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBB 323 proporjeta' ta' l-attur Walter Gouder u l-vettura misjuqa minnha bin-numru ta' registrazzjoni BAT 221, liema ncident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-itta ufficjali tat-22 ta' Ottubru, 2003 u dawk ta' l-ittra ufficjali li ntbaghtet kontestwalment ma' l-avviz lis-socjeta' Rausi Insurance Agency Limited bhala agenti ta' sindakati esteri operanti bl-isem Lloyd's Underwriters, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-22 ta' Ottubru, 2003 sad-data tal-hlas effettiv, kontra konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fil-11 ta' Ottubru, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------